Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 427/2015

Il-Pulizja

Spettur Dennis Theuma

Vs

Terry (Teresino) Muscat

Illum 23 ta' Frar, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Terry (Teresino) Muscat detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 543971 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

F' dawn il-Gzejjer fis-6 ta' Frar 2012 u matul l-erbatax-il xahar ta' qabel din id-data:

a) Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N.292/1939) jew minn xi awtorita` moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-sitt taqsima tal-Ordinanza msemmija u

minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess u talli kkommetta l-imsemmi reat kriminali fi/jew gewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta' skola, club jew centru taz-zghazagh u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N.292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

b) Kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u 6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-Licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga imsemmija giet fornuta lilu ghal uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti imsemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN.292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kienetx ghall-uzu esklussiv tieghu;

c) U aktar talli fl-istess zminijiet kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta *cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-25 ta' Settembru, 2015, fejn il-Qorti sabet lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u ghall-piena ta' wiehed u ghoxrin (21) xahar prigunerija effettiva, li minnhom ghandu jitnaqqas kull zmien li l-hati inzamm taht arrest preventiv biss in konnessjoni mar-reati li hawn qed jinstab hati taghhom - u multa ta' elf u mitejn Euro (€1,200) li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tista' tithallas mill-hati b'rati mensili u konsekuttivi ta' sittin Euro (€60). L-ewwel pagament ghandu jsir mhux aktar tard minn xahar mid-data li fiha l-hati jiskonta l-piena karcerarja li qed tigi b'din is-sentenza erogata u ghal dan il-fini r-Registratur ghandu jivverifika mal-awtoritajiet karcerarji din id-data. Pero` jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija skond il-ligi.

Ikkundannat lill-hati ihallas tliet kwarti tal-ispejjez18 li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut a tenur tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ossia s-somma ta' mitejn u tnax-il Euro u wiehed u hamsin centezmu (€212.51) u l-ispejjez konnessi mar-relazzjoni tal-espert Dr. Martin Bajada ammontanti ghas-somma ta' erba' mija, disgha u tmenin Euro u tletin centezmu (€489.30), izda m'hijiex tikkundanna lill-hati ghall-hlas tal-ispejjez konnessi mar-relazzjoni tal-espert il-Perit Valerio Schembri. B'kollox ghalhekk il-hati ghandu jhallas is-somma ta' seba' mija u wiehed Euro u wiehed u tmenin centezmu (€701.81), liema somma ghandha tithallas fi zmien sena mil-lum.

Il-Qorti ordnat d-distruzzjoni tad-droga u l-affarijiet relatati mal-abbuz tad-droga, esebiti bhala Dok. DT4, DT5, DT6 u DT7, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *proces-verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Ordnat r-rilaxx ta' Dok. DT3 ossia *mobile phone* tal-marka Nokia favur il-hati.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Terry (Teresino) Muscat pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fis-7 ta' Ottubru, 2015, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti tirriforma s-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-25 ta' Settembru, 2015 fl-ismijiet Il-Pulizija vs Terry (Teresino) Muscat sabiex filwaqt li tikkonferma dik il-parti fejn l-appellant giet liberata minn dik il-parti tal-ewwel imputazzjoni dwar l-ewwel aggravju tad-distanza, tirrevoka dik il-parti fejn sabet lill-appellanta hatja tal-ewwel imputazzjoni in kwantu hija forniet u pprokurat d-droga eroina, kif ukoll tat-tieni u t-tielet imputazzjoni, sabiex minflok tillibera l-appellanta mill-akkuzi kollha kif dedotti kontra taghha;

U fi kwalunkwe kaz, tirriforma s-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-25 ta' Settembru, 2015 fl-ismijiet Il-Pulizija vs Terry (teresino) Muscat billi tnaqqas il-piena nflitta fuq l-appellanta u minflok tinfliggi piena aktar ideoneja ghac-cirkostanzi tal-kaz.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellanta Terry (Teresino) Muscat huma s-segwenti w cioe':-

**L-ewwel aggravju: illi l-ammissjoni tal-appellanta li hija kienet tixtri d-droga ghal ohtha Marika u tqassamilha ftit ftit ma tissarafx fi htija tal-appellanta tar-reat ta' traffikar fis-sens lit rid il-ligi.**

Illi d-definizzjoni ta' traffikar kif esposta mill-Artikolu 22 (1B) tal-Kap. 101 tirrikjedi skambju ekonomiku, u cioe skambju ta' droga ghal korrispettiv, sabiex jissussisti r-reat ta' traffikar.

Illi fil-kazde quo ma kienx hemm skambju ta' droga bejn l-appellanta u ohtha Marika ghall-korrispettiv, fatt illi gie kkorrobat u konfermat minn Marika Muscat stess. Oht l-appellanta Marika Muscat kellha problem qawwija ta' droga, tant illi ma kienetx kapaci tezercita kontroll fuqha nnfisha fuq l-ammont li kienet tikkonsma. Minhabba f' hekk l-appellanta kienet tixtri hi, u zzomm id-droga ghal ohtha, u tqassamilha ftit

ftit, biex tizgura li ohtha ma kienetx tiehu ammont kbir f' daqqa, b' konsegwenzi possibilment fatali. L-appellanta umilment tissottometti illi l-fatti speci ta' dan il-kaz ma jirrinkwadrawx ruhhom that id-definizzjoni ta' traffikar skond l-Artikolu 22(1B) tal-Kap. 101 kif interpretat minn dina l-Onorabbli Qorti fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Nathan John Farrugia deciza fl-10 ta' Lulju, 2014.

Illi ghalhekk l-Ewwel Onorabbli Qorti ghamlet applikazzjoni zbaljata tal-ligi meta sabet lill-imputata hatja tar-reat tat-traffikar fis-sens lit rid il-ligi firrigward tad-droga li kienet tghaddi lill-ohtha mhux ghal korrispettiv, izda biss sabiex tghina tikkontrolla l-vizzju taghha u tipprevjeni li tiehu overdose.

**It-tieni aggravi: illi l-Ewwel Onorabbli Qorti kienet zbajata fil-fatt u fid-dritt meta sbet illi kien hemm prova minghajr dubbju dettat mir-raguni li l-appellanta forniet droga lil terzi ghal korrispettiv ta' hlas.**

Illi l-appellanta tibda billi tippreciza illi m' hijiex qed tikkontesta l-possibilta ta' sejbien ta' htija meta jkun hemm kunflitt fil-verzjoni tal-fatti moghtija minn xhud u mill-akkuzat, ghaliex hija konsapevoli tal-fatt li huwa principju assodat fil-gurisprudenza tal-Qrati taghna li mhux kull kunflitt fil-provi iwassal ghall-liberatorja. Dan tant illi l-ligi stess tiddisponi x' ghandu jsir meta jkun hemm tali kunflitt, u x' ghandu xi evalwat mill-Qorti sabiex taghzel fuq liema verzjoni tal-fatti ghandha tigi bbazata s-sentenza taghha. L-aggravju tal-appellanta jikkonsisti fil-fatt illi L-Ewwel Onorabbli Qorti applikat b' mod erronju l-Artikolu 637 tal-Kodici Kriminali, u ghalhekk waslet ghal konkluzjoni zbaljata rigward il-htija tal-appellanta, konkluzjoni li gudikant ma setghax ragonevolment jasal ghaliha li kieku apprezza l-provi skond kif tipprovdi l-ligi. Dan ifisser li s-sentenza appellate hija unsafe and unsatisfactory, u li ghalhekk jezistu c-cirkostanzi necessarji, skond l-iskorta tal-gurisprudenza tal-Qrati taghna, sabiex din il-Qorti terga' taghmel evalwazzjoni tal-provi kollha prodotti fil-prim' istanza. Barra minn hekk, din l-Onorabbli Qorti mhux ser tkun qed issofri xi zvantagg kumparat mal-Ewwel Onorabbli Qortifis-sens illi l-Ewwel Onorabbli Qorti kif komposta meta gie deciz il-kaz m' hemm l-ebda aguni oggettiva li twaqqaf lil din l-Onorabbli Qorti milli terga taghmel hi evalwazzjoni tal-provi migjuba kontra l-appellanta.

Illi l-appellanta umilment tissottometti illi l-Ewwel Onorabbli Qorti kienet zbaljata meta sabet li x-xhud Daryl John Cachia kien xhud attendibbli u kredibbli ghaliex, fi kliem l-Ewwel Onorabbli Qorti 'kien kontinwament konsistenti fix-xhieda tieghu.' Fir-realta, ezami tad-deposizzjoni ta' dan ix-xhud turi numru ta' inkostistenzi fid-dettal tar-rakkont tieghu. Per ezempju, ix-xhud kien inkostistenti rigward il-mod kif huwa sar jaf li l-appellanta allegatament kienet tbiegh id-droga. Huwa beda billi jgid in kontro ezami li huwa kien jaf li l-appellanta kienet toqghod ma certu Reno, li kien issemma bhala persuna konnessa mad-droga u qal li lill-appellanta kien waqqafha fit-triq u staqsieha jekk tbieghx droga ghaliex haseb li la hi toqghod ma Reno, la jkollu d-droga Reno, jkollha hi wkoll. Ftit wara jghid li huwa sar jaf li l-appellanta hija allegatament konnessa mad-droga ghaliex issemmiet lilu minn nies. Apparti din l-inkstitstenza, kemm huwa verosimili li wiehed isir jaf mit-triq li persuna hi konnessa mad-droga u ghalhekk, minflok imur jinqeda minghandu, ghas-semplici raguni li l-persuna konnessa u dan it-terz joqghodu flimkien?

Illi barra min hekk, sabiex deposizzjoni titqies kredibbli, ix-xhud mhux biss irid ikun konsistenti, izda dak li jghid ghandu wkoll ikun verosimili fic-cirkostanzi tal-kaz. Cachia xehed li huwa kien jmorru ghand l-appellanta minghajr pre-avviz sabiex jixtru l-eroina, u skond Cachia ma nqediex minghand l-appellanta biss meta ma sabiex id-dar. Din ix-xhieda ghandha tigi kkunsidrata fil-kuntest tal-ammont tad-droga li nstabet waqt it-tfittxija jirrizulta li l-appellanta kellha fl-appartament taghha eroina fl-ammont ta' 2.16gramma u raza tal-cannabis fl-ammont ta' 1.93 gramma. Dawn l-ammont huma pjuttost zghar sabiex tkun verosimili l-allegazzjoni tax-xhieda li huma kienu jmorru ghand l-appellanta minghajr pre-avviz u kienu jinqdew. Biss biss wiehed irid jzomm f' mohhu li din id-droga kienet intiza sabiex tigi kkunsmata minn oht l-appellanta Marika Muscat, fatt li gie emmnut mill-Ewwel Onorabbli Qorti u ghalhekk, dato ma non concesso, u ghal grazzja tal-argument biss, li l-appellanta kienet tbiegh id-droga, l-ammont li kien disponnibli ghal bejgh kien terga inqas minn dak li instab mill-Pulizija. Kif huwa possibli ghalhekk li l-appellanta kellha negozju illecitu mibni fuq klijentela li kienet isibha tant affidabbli bhal fornitrici tad-droga li kienet tmur tixtri minghajr pre-avviz, meta l-ammont misjub ghand l-appellanta kien daqshekk zghir? L-appellanta umilment tissottometti illi ma tezistiex il-

verosimiljanza rikjest sabiex, fic-cirkostanzi tal-kaz, id-deposizzjoni ta' Cachia titqies bhala wahda kredibbli u attendibbli, li tipprova l-htija tal-appellanta sal-grad rikjest mill-ligi. Dan apparti l-fatt illi l-Ewwel Onorabbli Qorti ukoll qieset il-fatt li kien hemm dettalji identici bejn id-deposizzjoni ta' Cachia u dik ta' Theuma bhala fattur li kien jimmilita favor il-kredibilita ta' Cachia, wara li kkonkludiet li theuma m'hux xhud affidabbli. Kif tista' d-deposizzjoni ta' xhud meqjus mhux kredibbli mill-Qorti, titqies mill-istess Qorti bhala korrobazzjoni tad-deposizzjoni ta' xhud iehor?

Illi barra minn hekk, ta' min iqis ukol illi l-prosekuzzjoni qatt ma pproduciet xi had minn nies li kienu allegatament qalu lil Cachia fuq l-appellanta sabiex dawn jiddeponu quddiem il-Qorti u jikkoroborraw il-verzjoni ta' dawn x-xhieda. L-oneru tal-prova jinkombi fuq il-Prosekuzzjoni, u ghalhekk il-prosekuzzjoni kellha l-obbligu li tipproduci quddiem il-Qorti dawk il-provi kollha necessarji sabiex jigu pruvati lill'hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-appellanta hekk kif rikjest mill-ligi. Galadarba l-prosekuzzjoni naqset milli tipproduci prova necessarja sabiex tikkorrobora t-tezi ta' Cachia, il-prosekuzzjoni halliet jezistu dubbju ragonevoli rigward il-kredibbbilita ta' Cachia, dubbju li, ai termini tal-principju bazilari tal-ligi penali, kellu jigi rizolt mill-Ewwel Qorti favor l-appellanta.

**It-tielet aggravju: l-Ewwel Onorabbli Qorti kienet zbaljata meta sabet lill-appellanta hatja tat-tielet imputazzjoni migjuba kontra taghha.**

Illi t-tielet imputazzjoni kontra l-appellanta kienet dik ta' pussess aggravate tar-resina tal-cannabis, wara li skond il-prosekuzzjoni l-appellanta instabet f' pussess ta' din ir-resina f' cirkostanzi li juru li ma kienetx ghal uzu esklussiv taghha. Pero ma giet prodotta l-ebda prova kontra l-appellanta li b' xi mod tipprova sal-grad rikjest mill-ligi din l-imputazzjoni. Ix-xhieda kollha li gew prodotti kontra l-appellanta iddep[onew fir-rigward tad-droga eroina u mhux tar-resina tal-cannabis.

Illi barra minn hekk, l-ammont li nstab fil-pussess tal-appellanta, u cioe ta' inqas minn zewg grammi, huwa ammont tant zghir li wara l-emendi legislattivi li gew introdotti ricentament il-pusses ta' dan l-ammont ta' droga gie dekriminalizzat. Ghalhekk zgur li ma tistax isir inferenza li l-appellanta kellha fil-pussess taghha r-

resina tal-cannabis li ma kienets intiza ghall-uzu esklussiv taghha mill-ammont misjub f' dawn ic-cirkostanzi.

Illi ghalhekk l-appellanta umilment tissotometti illi l-prosekuzzjoni ma pruvatx lil hinn minn dubbju dettat mir-raguni li r-resina tal-cannabis misjuba fil-pussess taghha ma kienetx intiza ghal uzu esklussiv taghha u konsegwentament l-Ewwel Onorabbli Qorti kienet zbaljata meta sabitha hatja tat-tielet imputazzjoni migjuba kontra taghha.

**Ir-raba' aggravju: illi minghajr pregudizzju ghal dak hawn fuq espost, il-piena nflitta fuq l-appellanta hija wahda eccessiva.**

Illi minghajr pregudizzju ghal dak hawn fuq espost, l-appellanta umilment tissottometti illi fic-cirkostanzi kollha tal-kaz il-piena nflitta fuqha kienet wahda harxa u eccessiva. Jibda biex jinghad illi l-fedina penal ital-appellanti turi li hija m' hijiex mixhuta f' hajja ta' kriminalita, u zgur mhux f' hajja ta' droga, tant li l-Ewwel Onorabbli Qorti stess tghid fis-sentenza taghha illi l-fedina penal ital-appellanta m' hijiex wahda alarmanti. Ghalhekk fil-kuntest ta' fedina penali li hija wahda eccessiva u li ma pruvatx taghmel bilanc bejn l-aspett retributtiv u l-aspett reabilitattiv tal-piena.

Illi barra min hekk, fil-komputazzjoni taghha tal-piena l-Ewwel Onorabbli Qorti naqset milli tiehu in konsiderazzjoni fatturi mportanti li kienu jimilitaw favor l-appellanta, in partikolari l-kooperazzjoni taghha mal-pulizija, fejn mill-ewwel ammetit dak li hija kienet taghmel ghal ohtha Marika. Dan in-nuqqas wassal lill-Ewwel Onorabbli Qorti sabiex tinfliggi pieni eccessiva fuq l-appellanta, u ghalhekk, fil-kaz li din l-Onorabbli Qortitikkonferma l-htija tal-appellata, dawn ic-cirkostanzi ghandhom jigu kkunsidrati minn dina l-Onorabbli Qorti sabiex tigi nflitta piena aktar idneja ghac-cirkostanzi tal-appellata.

Illi inoltre, l-ammonti ta' droga li nstabu fil-pussess tal-appellanta kienu pjuttost zghar, tant li wara l-emendi li gew introdotti ricentament, il-pussess ta' dawn l-ammonti huwa dekriminalizzat. Barra minn hekk, l-Ewwel Onorabbli Qorti naqset milli tqis ic-cirkostanzi familjari li wasslu lill-appellanta sabiex tkun fil-pussess tad-

droga, u cioe il-vizzju qawwi li kellha ohtha Marika, ikkonfermat mill-istess Marika Muscat. L-appellanta nstabet fil-pussess tad-droga ghaliex kienet qed taghmel dak li hasbet li kien necessarju sabiex izomm lill-ohtha milli tispicca tisraq ghad-droga, u tiehu kwantitajiet kbar f' daqqa, b' effett possibilment fatali. L-appellanta mill-ewwel gharfet li zbaljat waqt li kienet qed tigi interrogate mill-Pulizija. L-Ewwel Onorabbli Qorti pero naqset milli tikkunsidra l-element uman meta giet biex tinfliggi l-piena, u naqset milli tirrikonoxxi illi l-pussess tad-droga tal-appellanta kien reat maghmul f' disperazzjoni biex tipprotegi lill-ohtha mill-effett ta' konsum bla razan ta' droga, u mhux wiehed maghmul ghal rofit jew b' disprezz lejn il-ligi. L-appellanta umilment tissottometti li kkunsidrat dan kollhu il-piena ta' wiehed u ghoxrin (21) xahar prigunerija effettiva, oltre multa, hija ghal kollox spoporzjonata u ghandha tigi mnaqqsa minn din l-Onorabbli Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi l-appellanti iressaq tlett lanjanza diretti lejn id-decizjoni appellata meta jishaq fl-ewwel lok illi l-fatt illi huwa ammetta li kien jixtri d-droga biex ighaddieha lil ohtu Marika ma tammontax ghad-definizzjoni ta' traffikar moghtija fil-ligi. Fit-tieni lok jikkontendi illi l-Prosekuzzjoni ma lahhqetx il-grad rikjest mill-ligi ghal sejbien ta' htija li l-appellanti kien iforni id-droga lil terzi ghal korrispettiv u fl-ahharnett jilmenta mis-sejbien ta' htiija ghat-tielet imputazzjoni migjuba kontra tieghu u cioe' dwar il-pussess aggravat tar-raza mehuda mill-pjanta cananbis.

Illi gie stabbilit b'mod kopjuz fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti mal-medda tas-snin illi il-Qorti ta'l-Appell Kriminali ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit ta'l-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kenitx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha[1]. Huwa biss meta din il-Qorti tasal ghal konkluzjoni li l-Ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setatx ragjonevolment tasal ghal konkluzjoni li wasslet ghaliha, allura dik tkun raguni valida u impellenti sabiex din tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni. Dan ghaliex l-aggravvji migjuba 'il quddiem mill-

[1] Ara fost ohrajn Il-Pulizija vs Raymond Psaila et – 12/05/1994; Il-Pulizija vs Amadeo Brincat – 06/06/1994, Il-Pulizija vs Carmelo Schembri – 28/04/1995; Il-pulizija vs Ezzawi Mehemed 03/11/1995

appellanti essenzjalment iduru madwar dan l-apprezzament u jekk il-fatti li ingiebu a konjizzjoni tal-Qorti kenux jaqghu fid-definizzjoni ta' traffikar stabbilita fil-ligi.

Issa mill-atti probatorji irrizultaw is-segwenti fatti mhux ikkontestati:

1. Fil-pussess ta'l-appellanti u precizament mir-residenza tieghu giet elevata id-droga u cioe' tlett iqratas tal-erojina bil-piz ta' 0.04 grammn, 0.05 grammi u 0.05 grammi kull wiehed ta' purita ta' circa 25%, flimkien ma' bicca plastik trasparenti li kien fiha erojina f'piz ta' 1.97grammi. Instabet ukoll xi sustanza raza tal-cannabis ta' piz ta' 1.93gramma flimkien ma' diversi bicciet tal-karti maqtughin u bicciet tal-foil.
2. Certu Daryl John Cachia u ukoll certu Anthony Theuma jistqarru bil-gurament illi kienu jakkwistaw id-droga minn ghand l-appellanti, fejn Cachia jistqarr illi kien hemm drabi fejn akkwista ukoll minn ghand certu Nazzareno Mercieca, l-ex-sieheb ta'l-appellanti.
3. L-appellanti jichad illi huwa qatt biegh xi droga u jikkontendi illi d-droga li instabet fil-pussess tieghu kien akkwistaha ghal ohtu Marica Muscat li ghandha il-vizzju tad-droga u li jaghtihielha ftit ftit biex ma tmurx tisraq.
4. Jikkontendi illi Cachia u Theuma gidbu fuqu billi huma kienu hbieb ma' Nazzareno Mercieca li fil-passat kellu relazzjoni mieghu, izda dawn kienu iggieldu xi tlett snin qabel il-kaz u infirdu. Ighid allura illi dawn it-tnejn minn nies semmew lilu bhala l-persuna li tissupplixxiehom bid-droga biex ma jimplikawx lil dan Mercieca.

Illi allura meta l-appellanti jikkontendi illi l-Ewwel Qorti malament qieset il-fatt illi huwa kien ighaddi d-droga lil ohtu bhala traffikar fis-sens imfisser fl-artikolu 22(1B) tal-Kapitolu 101, huwa qed jinsa dak li tipprovdi l-ligi fir-rigward u dan ghaliex il-provvista tad-droga lil terza persuna, anke jekk din tkun membru tal-familja u anke jekk minghajr korrispettiv tissodisfa il-vot tal-ligi. Dan ghaliex l-appellanti jaghti interpretazzjoni zbaljata tad-decizjoni *Il-Pulizija vs Nathan John Farrugia* deciza minn din il-Qorti kif diversament ippresjeduta, billi hemmhekk gie deciz illi anke it-tpartit ta' droga ma' droga ohra jaqa' fid-definizzjoni ta' "provvista" u ikkonfermat l-

interpretazzjoni moghtija mill-Ewwel Qorti ta' dak li jikkostitwixxi traffikar, li hija l-istess interpretazzjoni moghtija mill-Ewwel Qorti fid-decizjoni appellata fejn giet iccitata anke l-istess gurisprudenza. Kwindi dan l-ewwel aggravvju ta'l-appellanti huwa imsejjes fuq premessi ghal kollox zbaljati. L-appellanti *ex admissis* ighid illi huwa kien jixtri d-droga u iforni lil ohtu biha sabiex jevita li din ta'l-ahhar tmur tisraq biex tkun tista takkwista d-droga billi f'dak iz-zmien ohtu kellha problema serja ta' droga. Il-fatt illi l-appellanti allura, kien allegatament qed jaghmel dan biex fil-fehma tieghu ighin lil ohtu ma inaqqasx mill-fatt illi huwa kien qed jipprovdieha bid-droga b'mod regolari. Madanakollu din il-Qorti ma tistax tieqaf hawn. Dan ghaliex kemm mill-provi indizzjarji kif ukoll mix-xhieda diretta ta' Theuma u Cachia, liema xhieda jikkoroborraw il-verzjoni ta' xulxin f'hafna dettalji importanti, huwa indubitat illi l-appellanti kien iforni d-droga lil dawn in-nies ukoll. Tant hu hekk illi huma jaghtu l-istess deskrizzjoni ta'l-appartament fejn kien joqghod l-appellanti u kif kienu jaccedu ghalih u ukoll jaqqblu dwar il-bott li kellu vicin il-bieb ta'l-appartament minn fejn l-appellanti kien igib id-droga u ighaddihielhom kif ukoll l-prezz li kienu ihallsu ghall-akkwist taghha. Abbinati ma dawn il-fatturi imbaghad il-fatt illi instabet id-droga diga maqsuma f'pakketti ta' piz kwazi identiku oltre ghall-ammont l-iehor ta' 1.97 grammi li kien jekwivali, kif gustament ikkonkludiet l-Ewwel Qorti, ghal tlieta u tletin qartas iehor, ammont ta' droga xejn negligibbli li certament ma kienx intiz ghall-uzu ta' oht l-appellanti wahedha, ma jistax hlief iwassal ghal konkluzjoni wahda u unika li tistabilixxi r-reita fl-appellanti. Dan kollu jinsab rifless fl-evalwazzjoni ferm dettaljati li ghamlet l-Ewwel Qorti ta'l-atti probatorji li din il-Qorti ma tarax illi ghandha ghalfejn titbieghed minnha. Dan ghaliex il-konkluzjonijet raggunta minnha, ghar-ragunijiet hawn fuq migjuba, kienu kemm legalment kif ukoll fattwalment validi iktar u iktar meta, kif ikkonkludiet l-Ewwel Qorti, kemm l-istqarrija kif ukoll ix-xhieda ta'l-appellanti huma mizghuda inezatezzi u kontradizzjonijiet. Illi lanqas l-iskuza li johrog biha l-appellanti dwar il-mottiv li seta' wassal lil Theuma u Cachia jimplikawh bhala il-fornitur taghhom ma tregi u dan ghaliex ghalkemm huwa ighid li ghamlu dan biex jghattu lill-fornitur veru taghhom li huwa jindika bhala Nazzareno Mecieca, l-ex sieheb tieghu, madanakollu Cachia stess jindika, minghajr tlaqliq u biza', illi apparti l-appellanti fil-fatt kien hemm

okkazzjonijiet meta xtara anke minn ghand dan Mercieca biex b'hekk jimplikah ukoll. Dan wassal sabiex it-torri li ipprova jibni l-appellanti fuq pedament dghajjef, ikkrolla u hu baqa' ma ghandux hajt ta' kenn wara xhiex jinheba!

Finalment dwar il-pussess aggravat tar-raza tal-cannabis, din il-Qorti tqies ukoll illi l-konkluzjoni li wasslet ghaliha l-Ewwel Qorti kienet gusta u valida kemm legalment kif ukoll fattwalment. Ibda biex l-appellanti *ex admissis* jistqarr illi huwa ma jabbuzax mill-cannabis u allura tigi naturali d-deduzzjoni illi dik id-droga ma kenitx fil-pussess tieghu ghall-uzu personali tieghu. Huwa izid ighid illi din ukoll kien izommha biex ighaddieha lil ohtu Marica Muscat, li kif diga gie konkluz, dan l-agir jaqa' fid-definizzjoni moghtija fil-ligi tar-reat ta' traffikar. Kwindi lanqas dan l-aggravvju ma jisthoqqlu akkoljiment.

Illi jifdal ghalhekk biex jigi ezaminat l-ahhar aggravju marbut mal-piena erogata mill-Ewwel Qorti. Issa l-Qorti fliet bir-reqqa il-motivazzjoni li wasslet lill-Ewwel Qorti biex teroga il-piena ta' wiehed u ghoxrin xahar prigunerija, flimkien ma' multa ta'€1200 u tqies illi l-kalibrazzjoni ta'l-Ewwel Qorti jaqa' sewwa fil-parametri tal-ligi u anzi joqrob iktar lejn il-minimu meta wiehed iqies illi r-reat ta' traffikar wahdu, meta dan huwa prosegwibbli quddiem il-Qorti tal-Magistrati, igorr piena massima ta' ghaxar snin prigunerija u multa sa massimu ta' €11,646.87., Dan apparti c-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz fejn ghandna l-figura tal-appellanti bhala spaccatur veru u proprju li ghalkemm ma kienx jabbuza mis-sustanza huwa personlament, izda forna iktar minn persuna wahda bid-droga.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u d-decizjoni appellata ikkonfermata fl-intier taghha.

(ft) Edwina Grima

Imhallef

Vera Kopja

Franklin Calleja

Deputat Registratur